Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 599/2015

Il-Pulizja

Spettur Joseph Busuttil

Vs

Florinel Nitu

Illum 27 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Florinel Nitu detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 48895A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-26 ta' Mejju 2014 għall-ħabta tas-01:00, f'dawn il-Gżejjer, fi Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar :

(1) attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza puubblika, kontra persuna inkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skont il-Liġi mill-Awtorita kompetenti (PC158);

(2) ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Stoika Myleva hekk kif ċertifikat minn Dr. Simone Zammit MD reg. No. 3055 miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta;

(3) kiser il-mistriħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor;

(4) volontarjament kiser il- paċi pubbliku u/jew il-bon ordni b'għajjat u/jew ġlied;

(5) li huwa reċidiv;

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Ottubru, 2015, fejn il-Qorti sabet lil imputat **Florinel Nitu** mhux ħati tar-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u minnhom illiberatu minn kull ħtija u piena filwaqt li wara li rat l-Artikoli 17, 96(a), 221(1), 338(m), 338(dd) u 383 tal-Kodiċi Kriminali sabithu ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u tikkundannah għall-piena komplessiva ta' disa' xhur priġunerija flimkien ma' multa ta' erbat elef euro (€4000).

Inoltre wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Stoika Myleva rabtet lil ħati, taħt l-obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena taħt penali ta' elfejn euro (€2000).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Florinel Nitu, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Novembru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn sabithu mhux hati tar-raba u l-hames akkuza u fejn sabithu hati tat-tieni u t-tielet akkuza, filwaqt li thassar dik ilparti fejn sabithu hati tal-ewwel akuza u fejn ikkundannat ghall-piena komplessiva ta' disa' xhur prigunerija flikien ma multa ta' erbat elef ewro u minflok tilliberah minn tali imputazzjoni u tinfliggi piena aktar miti u gusta ghal dan il-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-ewwel Qorti ma setghat qatt legalment u ragonevolment issib htija fil-konfront tal-esponent dwar l-ewwel imputazzjoni u dan ghaliex l-istess akkuza jew element wiehed jew aktar mir-reat hemm adebitat ma gewx

debitament ippruvati kif trid il-ligi u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell.

2. Illi f'kull kaz il-piena nflitta kienet wahda eccessiva u gravuza u li ma taghmilx tajjeb ghall kaz odjern u dan ukoll kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni orali tal-appell.

Ikkunsidrat,

Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellanti hija wahda ta' natura legali meta jilmenta illi l-Ewwel Qorti kellha tghaddi sabiex tillibera lill-appellanti mill-ewwel akkuza ikkontemplata taht l-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali billi l-fattispecje tal-kaz kienu jinkwadraw ruhhom fl-elementi li isawwru ir-reat taht l-artikolu 95 u mhux dak prospettat fl-artikolu 96.

Illi ma hemmx dubbju illi uhud mill-ingredjenti mehtiega biex jinhmew iz-zewg reati huma identici. Dan ghaliex dawn ir-reati iridu necessarjament jigu kommessi fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku. Issa l-appellanti ghandu ragun meta jishaq illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1)filwaqt illi l-ufficjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltragg fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta dan l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-disposijoni tal-ligi. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "<u>tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti</u>".*

Illi l-Qorti qed tossottolinja din l-ahhar parti ta' dan it-taghlim gurisprudenzjali billi huwa hawnhekk illi l-appellanti qieghed iressaq il-kontestazzjoni tieghu. Dan ghaliex fil-fehma tieghu f'dan l-incident meta il-pulizija involut u cioe' l-PC158 gie aggredit mill-appellanti huwa ma kienx qieghed jagixxi*"<u>ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti</u>".*

Issa l-Ewwel Qorti sabet ir-reita' fl-appellanti ghal dina l-akkuza billi dehrilha illi l-ufficjal tal-pulizija li kien mar hemhekk ghal skopijiet ta' investigazzjoni kien qieghed jaqdi id-dmirjiiet tieghu u fis-setghat moghtija lilu li jaghmel l-investigazzjoni fejn hemm suspett li gie kommes xi reat. Ma jidhirx madanakollu illi f'dan il-mument huwa kien qieghed jipprocedi ghall-arrest ta'l-appellanti. Izda imbaghad stranament l-Ewwel Qorti tghaddi biex ticcita gurisprudenza fejn hemm indikat xort'ohra minn dak affermat minnha meta issir referenza ghad-decizjoni moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta mill-Prim'Imhallef Emeritus Vincent DeGaetano fid-decizjoni Il-Pulizija vs Lawrence Attard deciza fit-12 ta' Settembru 1996 li din il-Qorti sejra terga' taghmel referenza ghal dak imghallem hemmhekk:

*"Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa ikun certament qieghed jezegwixxi il-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi 'ghall-esekuzzjoni tal-ligi' fis-sens ta'l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta'l-artikolu 95."*

Issa minn ezami ta'l-atti probatorji jidher illi meta il-pulizija wasslu fuq il-post fejn kien hemm l-appellanti li kien allegatament qed jagredixxi xi nies, huma bdew jinvestigaw il-kaz. Sa dak il-hin ma jidhirx illi kien hemm il-hsieb li jipprocedu ghall-arrest ta'l-appellanti, tant hu hekk illi kien biss meta l-appellanti qam minn fuq is-siggu fejn kien bil-qieghda u aggredixxa lil PC158 illi kif hemm rappurtat fil-PIRS report: *"PR was immediately apprehended by the police and was informed that he was under arrest since he assaulted a police officer."*

Kwindi l-pulizija ipprocedew ghall-arrest ta'l-appellanti mhux minhabba il-fatti li kienu qed jigu rapportati lilhom dwar l-allegat aggressjoni fuq xi nies minn naha ta'l-appellanti, izda ghaliex huwa kien aggredixxa lill-pulizija.

Fil-fatt l-Ewwel Qorti ghamlet is-segwenti mistoqsija:

"*Inti ma kontx qieghed tipprova zzommu jew tarrestah dak il-hin u forsi rragga b'idejh u hekk*?

U l-pulizija 158 iwiegeb hekk;

"*Konna qeghdin nitkellmu, jien kont qed nistaqsieh rigward ir-rapport li kellna u hu kien qed iwegibni normali jigifieri. Kien jidher normali, kollox kien jidher trankwill izda f'daqqa wahda dan ir-ragel xejjer daqqa ta' ponn lejja.*"

Iktar 'il quddiem jafferma:

"*… Just konna qeghdin inkellmuh u nistaqsuh jekk kellux xi argument.*"

Imbaghad wara l-agressjoni l-PC158 ikompli:

"*Minn hemmhekk is-sinjur Florinel Nitu gie infurmat li huwa qieghed taht arrest….*"

Waqt l-arrest tieghu imbaghad jidher illi l-pulizija gew infurmati illi kien hemm persuna tas-sess femminili li kienet sofriet xi griehi allegatament minn taht idejn l-appellanti.

Illi mid-deskrizzjoni ta' dan ix-xenarju kif imfisser mill-kuntistabbli stess, ghalkemm l-imsemmi ufficjal kien qieghed jaqdi d-dmir tieghu billi jaghmel investigazzjoni wara rapport li sarlu fejn allegatament kien involut l-appellanti meta sofra dina l-offiza fuq il-persuna tieghu u cioe' meta l-appellanti qam u xejjirlu daqqa ta' ponn, ma jistax jinghad illi huwa f'dan il-hin qasir kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' xi ordni moghtija skont il-ligi minn xi awtorita'. Fl-ebda hin ma jidher illi huwa kien ser jipprocedi ghall-arrest tieghu, izda semplicement kien qieghed jaqdi is-setgha tieghu bhala pulizija li imexxi investigazzjoni billi jipprova jigbor l-informazzjoni dwar dak li kien sehh.

Kwindi l-appellanti ghandu ragun fl-ilment minnu imressqa billi mill-fattispecje ta' dan il-kaz jidher illi tezisti ir-reita taht l-artikolu 95, izda mhux taht l-artikolu 96 billi kif inghad wiehed mill-elementi necessarji sabiex tinstab htija ghal dan ir-reat huwa nieqes.

Illi ma jidhirx illi l-appellanti qieghed iressaq lanjanza fir-rigward ta' dik il-parti tad-decizjoni impunjata fejn instabet htija ghat-tieni u t-tielet imputazzjoni, u kwindi din il-Qorti qed tikkonferma dik il-parti tas-sentenza izda ser tghaddi ghal varjazzjoni fil-piena inflitta billi ser tipprocedi ghal libertaorja ta'l-appellanti mill-ewwel akkuza abbazi tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qieghda tilqa' l-appell interpost, ghalhekk tghaddi beix tvarja id-decizjoni appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellanti gie misjub hati tat-tieni u it-tielet akkuzi u mhux hati tar-raba u il-hames akkuzi, tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet l-appellanti hati tal-ewwel imputazzjoni u minflok tilliberah minnha. Tvarja il-piena inflitta billi tikkundannah  ghal piena ta' xahar prigunerija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur